MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 367/1994/1

**Ronald Briffa**

**Vs**

**Jacqueline Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fl-20 ta’ Mejju 1990 fil-knisja tal-Kapuccini, Floriana (Dok. A);

Premess illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju

fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-20 ta’ Mejju 1990 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta’ Mejju 1990 huwa null u bla ebda effett legali;

2. Prevja d-dikjarazzjonijiet opportuni, taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu opportuni f’danir-rigward b’mod partikolari dawk il-provvedimenti illi jirregolaw l-effetti taz-zwieg putattiv tal-kontendenti a tenur ta’ l-Artikolu 20 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi ma kienx minnu illi l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fid-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

2. Illi lanqas kien minnu li l-kunsens ta' l-esponenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat il-kontro-talba ta' l-imsemmija Jacqueline Briffa li permezz taghha wara li esponiet li l-kontendenti kienu zzewgu fl-20 ta' Mejju 1990 fil-Knisja tal-Kapuccini fil-Floriana;

U li l-kunsens ta' l-esponenti kien vizzjat minhabba zball fuq l-identita` ta' zewgha;

U li inoltre l-kunsens ta' Jacqueline Briffa kien inkiseb b'qerq dwar il-kwalitajiet ta' zewgha b'mod li rrizulta li l-hajja mizzewga bejniethom tfixklet serjament;

U wkoll li l-kunsens ta' zewgha kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali taghha u b'anomalija serja li ghamlitha impossibbli ghall-imsemmi zewgha li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Wara dawn il-premessi talbet lil din il-Qorti sabiex:-

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Mejju 1990 kien null u bla effett legali u biex il-Qorti taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-attur li kien ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta akkompanjanti l-imsemmija kontro-talba kif ukoll il-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Ronald Briffa ghall-kontro-talba tal-konvenuta, illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-attur kien qieghed jirrimettu ruhu ghal gudizzju ta' din il-Qorti f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joseph Azzopardi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 92 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-3 ta' Mejju tas-sena 2000;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din ic-citazzjoni biex talab lill-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg li hu kkontratta mal-konvenuta fl-20 ta' Mejju 1990 u din it-talba huwa ghamilha fuq il-premessa li l-kunsens tal-kontendenti kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u li l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom meta taw il-kelma fiz-zwieg;

Illi minn naha taghha il-konvenuta cahdet li l-kunsens taz-zewg kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u anqas kien hemm eskluzjoni pozittiva taz-

zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi minn naha taghha l-konvenuta pprezentat ukoll kontro-talba fejn talbet ukoll dikjarazzjoni li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null u dan fuq il-premessa li l-kunsens taghha kien vizzjat minhabba zball fuq l-identita` ta' zewgha u li l-kunsens taghha kien inkiseb b'qerq u li inoltre l-kunsens ta' zewgha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju;

Illi l-attur jaghti importanza lill-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta ma kienitx trid li jkollhom tfal izda minn naha taghha l-konvenuta spjegat dan il-hsieb taghha u ghalkemm ikkonfermat li hija dejjem kienet riedet iz-zwieg u dana gie anke korroborat mix-xhieda minnha prodotti, meta ntebhet li l-attur kien mohhu biss fix-xoghol u kien qieghed jabbandunha b'mod li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom bdiet tispicca u kien ghalhekk li hija uriet id-decizjoni taghha li f'dawk ic-cirkostanzi ma kienetx trid tfal;

Illi fiz-zwieg *de quo* ir-relazzjoni pjuttost intima ta' bejniethom damet biss ftit xhur; l-attur jikkontendi li hu kellu bzonn jahdem hafna sighat twal ghax kellu impenji serji finanzjarji, izda dawn l-impenji jidher li ma kienux relatati maz-zwieg imma ma' xi djun li huwa kellu qabel iz-zwieg jew minhabba xi impenji gravi illi huwa refa' fuq spallejh meta flimkien ma' huh hadu restaurant. Illi ghalhekk jidher li min ghal skuza u min ghal skuza ohra z-zewg partijiet qatt ma ppruvaw jibnu familja;

Illi l-Qorti mir-rizultanzi processwali sabet li z-zewg kontendenti ma kienux maturi bizzejjed anqas fiz-zwieg u kienu jippretendu li huma attraenti hafna u li l-ebda wiehed mill-partijiet ma seta' jifhem li l-parti l-ohra ma kellhiex bzonnu; il-konvenuta ssemmi li omm l-attur kienet qaltilha "*to tell you the truth I advised him to start going out – in order to make you jealous*"; minn naha l-ohra huwa jidher li ma kellu bzonn minn jimbuttah ghal haga bhal din u dan jirrizulta anki minn fatti mhux kontradetti tal-hajja li kien jghix u l-ilbies li kien jilbes u l-hbieb li kien jiffrekwenta;

Illi l-konvenuta forsi ppretendiet illi jkolloha bniedem li ser itiha izjed importanza mill-attur illi minn naha tieghu pero` intefa b'ruhu u b'gismu fin-negozju illi haseb li minnu ser isir sinjur kbir; dan pero` ma garax fiz-zmien qasir li l-kontendenti ghamlu flimkien;

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' l-espert legali li esprima l-opinjoni "ma ghandu l-ebda dubju li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghar-ragunijiet kollha li tat il-ligi; forsi b'eccezzjoni ghas-simulazzjoni ghaliex ma gabitx prova ta' dan"; pero` tifhem li dawn in-nuqqasijiet karatterjali tal-kontendenti pprezentaw zewg persuni li certament ma kellhomx il-maturita` mehtiega ghal pass bhal dan u certament ma kienux lesti li jisseparaw ruhhom mill-hajja ta' guvni jew ta' xebba li kienu jghixu qabel u minn flok jigbdu l-attenzjoni tal-hbieb taghhom tas-sess oppost jingabru f'darhom u jippjanaw il-futur taghhom flimkien;

Illi dan in-nuqqas ta' maturita` wasslet lill-Qorti ghall-fehma illi l-kontendenti kellhom nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju meta huma waslu biex jizzewgu u dan in-nuqqas huwa attribwibbli liz-zewg partijiet u huwa sufficjenti biex il-Qorti tilqa' t-talba ghall-annullament taz-zwieg taghhom.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda tac-Citazzjoni u d-Domanda kontenuta fil-Kontro-Talba u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Mejju 1990 u dan minhabba nuqqasijiet attribwibbli liz-zewg partijiet u li jinkwadraw ruhhom taht id-disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontempla li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Domanda tac-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur